

31990D0013

11.1.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 8/70

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**Ta' l-20 ta' Diċembru 1989****Dwar il-proċedura ta' l-emendar u s-supplimentar tal-listi ta' l-istabbilimenti approvati f'pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunita'**

(90/13/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita' Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi ta' l-ispezzjonijiet tas-saħħa u veterinarji fl-importazzjoni ta' l-annimali taċ-ċanga u tal-majjali, tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, hekk kif l-aħħar emendata b'Direttiva 89/227/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi l-Kummissjoni tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-proċedura li għandha tintuża għall-emendar u s-supplimentar tal-listi ta' l-istabbilimenti previsti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 72/462/KEE;

Billi n-numru ta' stabillimenti msemmija hawn fuq qed jizjed, minkejja, li bħala konsegwenza, id-deċiżjonijiet adottati fir-rigward tagħhom, skond ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 72/462/KEE, huma aktar u aktar frekwenti, minkejja illi l-proċedura l-għdida għandha tevita formalitajiet eċċessivi filwaqt li tiżgura li l-i standards tal-Komunita' jibqgħu osservati;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni ttipprova regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura prevista fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 72/462/KEE, meta l-listi ta' stabillimenti approvati għall-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunita' għandhom jiġu emendati jew supplimentati

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bir-riżultati tal-ispezzjonijiet li saru skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 72/462/KEE u ta' emendi u żidiet proposti għal-listi.

Ir-riżultati għandhom jiġu notifikati bil-miktub. Eċċezzjonalment din l-informazzjoni tista' tiġi komunikata bil-fomm b'kondizzjoni illi l-konferma bil-miktub tinħareġ fi żmien 24 siegħa.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandu jkollhom perjodu ta' ġimgħa mid-data minn meta jirċevu l-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Rappreżentazzjonijiet Permanenti tagħhom fejn jagħmlu l-osservazzjonijiet: Il-Kummissjoni tista' tnaqqas dan il-perjodu għal 48 siegħa f'każijiet urġenti.

2. Il-Kummissjoni tieħu in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri, u b'mod partikolari daww li jikkonċernaw il-kontroll fuq l-importazzjonijiet u jinfurmaw lill-Istat Membru konċernat bl-azzjoni proposta fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet imsemmija qabel ma ssir l-adozzjoni ta' xi deċiżjoni.

3. L-adozzjoni tad-deċiżjoni li għaliha saret referenza fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 72/462/KEE għandha tiġi segwita fl-aħħar bil-perjodu previst fil-paragrafu 1

Artikolu 4

1. Meta jinħolqu diffikultajiet, għandhom jiġu riferuti lill-Kumitat Veterinarju skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 72/462/KEE.

2. L-Istati Membri għandhom jiġu nfurmati mill-Kummissjoni dwar il-laqgħat tal-Kumitat Veterinarju dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi li jinkludu materji ta' iċċekjar ta' residwi tas-saħħa annimali u l-missjonijiet pjanati tagħha

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 Diċembru, 1989

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, pġ. 28.

⁽²⁾ ĠU L 93, tas-6.4.1989, pġ. 25.